# SAN GUZEPP MUDELL U SOSTENITUR TAL-FAMILJI

Familja li kienet toqghod gewwa Reunion Island kienet



ghaddejja minn hafna diffikultajiet finanzjarji u faqar. U tant kienu kbar il-problemi taghha li l-omm hasset il-htiega li tersaq lejn San Guzepp. Kienet tilfet hafna minn uliedha mhux minhabba il-mard izda minhabba li kienu malnutriti. Qatt ma kienu jaqbzu s-sena. Il-futur kien imcajpar daqs li kien il-passat.

Il-mara kienet tqila b'tarbija ohra. Iddecidiet li iddur lejn dak li Alla ghazlu biex jiehu hsieb il-familja divina u jipprotegi lill-Kelma Inkarnata. Ghamlet novena f'gieh dan il-qaddis u kitbet ittra lil dan il-qaddis u poggietha taht l-istatwa tal-qaddis.

Fost hwejjeg ohra, il-mara qalet lill-qaddis biex bis-sahha tal-faqar qaddis tieghu, jehlisha mill-faqar kbir li fih kienet tghix hi u l-familja taghha. “Nitolbok li tghinni nwelled li din it-tarbija li ghandi f’gufi u li tircievi l-maghmudija. Nitolbok li tkun l-avukat tieghi fil-bzonnijiet tieghi. La tharisx jew tqis dnubieti, izda fit-tjubija tieghek aghtini dak li tant ghandi bzonn.”

Bil-kemm lahaq ghadda xahar li t-talb taghha ma instemghax. Il-generosita’ tal-qaddis ghaddiet kull tama taghha. Jum wiehed tasal bagalja b’dak kollu mehtieg ghat-twelid tat-tarbija, ilbies ghaliha u htigijiet ohra ghal missier u z-zewgt ulied. Jum iehor waslitilhom kunsenja ta’ ross li kull gimgha kienet tirrepeti ruhha. Fuq kollox fil-bagalja maghluqa kien ikun hemm medalja tleqq ta’ San Guzepp.

Minkejja li kienet maghdura f’sahhitha, il-mara marret il-knisja biex tirringrazzja lill-qaddis taghha.

Il-generosita’ ta’ San Guzepp tkompli tidher meta twieldet it-tarbija; mara infermiera offriet li tiehu hsieb it-tarbija daqs li kieku kien binha u dan kollu minghajr interess finanzjarju.

U biex tinkuruna r-ringrazzjamenti taghha l-mara semmiet it-tarbija bl-isem helu ta’ Guzeppi.

San Guzepp kompla jxerred il-barka tieghu billi pprovda xoghol tajjeb lill-kap tal-familja hekk li dan seta' jghejjex lill-familja tieghu minghajr ma kompliet tbati.

Ejjew nafdaw il-htigijiet taghna kollha, l-aktar dawk spiritwali f'idejn San Guzepp.

San Guzepp itlob ghalina.